MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 1069/2003

**LLOYDS (MALTA) LIMITED bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li jifformaw is-syndicates bin-numri JAT1245, KLN0510, SDM0807, SAM0727, ATR0570 u SIM0994 u Rausi Insurance Agency Limited u Joseph Zerafa**

**vs**

**Alfred Delia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fid-29 ta' Mejju, 2003, fejn intqal li l-hlas ta' mitejn u zewg liri u disa' u hamsin centezmu (Lm202.59) huwa dovut mill-konvenut bhala hlas ta' danni minnu kawzati fuq il-karozza DAD 589 propjeta' ta' Joseph Zerafa assikurat mill-atturi taht polza *comprehensive,* li ghalhekk huma surrogati fid-drittijiet tieghu, filwaqt li l-istess Joseph Zerafa**

**ghandu interess li jirkupra s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25) minnu imhallsin bhala *excess,* waqt li l-konvenut bi traskuragni u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku habat gol-karozza imsemmija fil-Floriana, nhar it-2 ta' Settembru, 2002, waqt li hu kien qed isuq il-van TFD 207.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Alfred Delia pprezentata fl-24 ta' Gunju, 2003 fejn intqal:**

**Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat quddiem dan it-Tribunal.**
**Illi ghaldaqstant l-ispejjez mitluba mhumiex dovuti kif indikat mill-atturi fit-talba tieghu.**
**Bl-ispejjez.**

**Sema' x-xhieda ta' Joseph Zerafa, PS 57 Raymond Camilleri, John Tabone, Mario Cumbo, Alfred Delia, PC 21 Pierre Micallef. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fit-2 ta' Settembru, 2002, bejn il-vettura numru DAD-589 ta' l-attur u l-vettura numru TFD-207 misjuqa mill-konvenut.**
**2. Id-dinamika ta' kif gara l-incident hija semplici. L-attur kien parkeggjat f'dahla f'Hornworks Ditch, Floriana, bil-vettura thares lejn il-hajt, filwaqt li l-konvenut kien ipparkja wara l-attur, u b'hekk ostakolalu l-hrug.**
**3. Hemm zewg versjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet dwar kif sehh l-incident. L-attur jghid li l-konvenut ghal bidu saq il-quddiem sabiex l-attur jkun jista' johrog, u waqt li l-attur kien hiereg, dan irriversja jew mar lura ghall-fuq il-vettura ta' l-attur. Il-konvenut jichad dan, u filwaqt li jikkonferma li beda miexi sabiex l-attur ikun jista johrog, dan allega li l-konvenut laqtu.**
**4. Rilevanti dak li qal PC281 Pierre Micallef. Dan xehed hekk : « ….DAD-589 kellha girfa zghira tant li jiena kelli ninzel kokka biex naraha. Fil-vettura l-ohra**

**ma rajt l-ebda danni. » Dana jikkontrasta sa certu punt ma dak li xehed is-surveyor Mario Cumbo li qal li l-vettura tal-attur kellha zewg ghafsiet zghar. Rilevanti wkoll li s-surveyor ezamina l-vettura fis-6 ta' Settembru, 2002, cioe` xi tlett ijiem wara l-incident. Ghalhekk fir-rigward it-Tribunal ihoss li ghandu aktar jistrieh fuq ix-xhieda tal-kuntistabbli li ra l-vettura tal-attur ezatt wara l-incident.**

**5. Rilevanti ukoll li d-danni graw meta l-attur kien hareg kwazi kompletament mill-parkegg, u cioe` f'parti fejn il-vizwali tieghu kienet ahjar. Ghalhekk jidher verosimili li l-vettura tal-konvenut tassew messet dik tal-attur, u dana meta l-imsemmija vettura tal-konvenut resqet kemm kemm lura. Ghalhekk ghall-ventwali kollizzjoni ghandu jigi ritenut unikament responsabbli l-konvenut.**

**6. Dwar id-danni riportati, it-Tribunal mhux qed jaqbel mat-talba attrici, u dana in kwantu kif intqal precedentement, jidher li d-danni kienu minimi, anqas minn dak allegat. Ghaldaqstant it-Tribunal arbitrio boni viri qed jillikwida s-somma ta' mija u erbghin lira (Lm140.00) bhala danni sofferti mill-attur.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa it-talba attrici limitatament fis-somma ta' mija u erbghin lira Maltija (Lm140.00), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115.00) u lill-attur is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00).**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-zewg terzi mill-konvenut u terz mill-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------